# *FRANSWÀ*

LIL NINU CREMONA.

Kien nisel ta' Ħal Għaxaq u jismu Franġisk Borg, imma billi missieru kien ħadu tarbija l-Arġiel, fid-dar saru igħajtulu *Franswà*, drawa tan-nies imrobbija mal-Franċiżi.

Missier Franswà kien rama bil-ġwies l-Arġiel ħdejn Babażun u qabad ġmielu; Malta baqa' jiġi fil-bogħod sew biex iżur lil niesu, sew biex ma jitlifx it-tarf ta' negozju li kellu mal-Maltin.

Mita kiber, Franswà beda jserraħ lil missieru u għalhekk sena iva u l-oħra lê kien jasal wasla għand niesu. Ħal Qormi, kellu zijuh Ġorġ bil maħżen fuq San Bastjan u kien ipoġġi għandu. Fil-maħżen, fil-għaxija, kienu jintasbu erba' subien minn tagħna, kullħadd igħid xi ħlieqa u xi terz minn għand Feliċ ta' ma' ġenbhom ma kienx jonqos.

Franswà kien igħaddiha ġmielu, idaħħan u jitkellem fuq il-ġmiel ta' l-Arġiel. Sħabu kienu jħobbu jisimgħuh u il-lejla kollha kienu b'ħalqhom mliegħeb mistagħġbin bil ħrejjef tighu. L-Arġiel? Pariġi żgħir. M'hux toroq, bulvars, m'hux pjazez imsieraħ, siġar ma' kullimkien, trams għaddejja lejl u nhar, tijatri, Kafè-le-xantè, daqq u żfin, u mazmazelli bil-qatta, *Krenom!* bħal l-Arġiel imkien! Oh là là, il-ħâra ta' Babażun, nitfa bogħod mix-xatt, imma hemm kull ma wieħed jixtieq!

Malli jasal Franswà kullħadd ma' dwaru, u bl-imħatra min iħallaslu sold anizetta għand Feliċ, għax il-ħali kien fih ħarsa, twil, irqajjaq, wiċċu mimli, b'erba' żajbriet suwed fuq xofftejh, b'kappell tar-ross daqsiex mixħut la sanfason fuq imħadda xagħar ħiereġ minn taħtha mad-dawra kollha.

Għal xagħru kien joqtol Franswà u, għax tgħid, xagħru kellu jgħallih għax il-bniedem jorbot qalbu ma' żelluma daqs nitfa u għalih jagħmilha dinja!

Darba, kien ilu ftit li ġie, fettillu jmur isewwi xuxtu għand wieħed li kien rama ġdid f'tarf ir-raħal. Ħanut miżbugħ aħmar, purtiera taż-żibeġ imżewqa fil-bieb, żewġ mirja daqsiex, wieħed biswit l-ieħor,mgħottija bil-filoxx għall-ħmieġ tad-dubbien, putruna tal-bellus aħdar titla' u tinżel, imwejjed tar-rħam u fliexken u vasetti jlellxu mad-dawra kollha

"Sa va bien", qal Franswà u daħal.

Kienu s-saghtejn ta' wara nofs inhar, ħemda u sħana li ma bħalha, it-toroq baħ. Fil-ħanut sab il-parrukkier, raġel qsajjar, bla ġlekk, f'idu qafas tal-għasafar.

—"Dalwaqt miegħek", qallu, "q'ed nagħlef il-kanali, għax trid tkun magħhom".

—"Ma hemmx għaġla", qal Franswà u xteħet fuq il-putruna.

—"Il-parrukkier poġġa l-qafas fl-art mal-ħajt, farfar idejh mal-qalziet u ġieb qabda xugamni, imqassijiet u xkupilji.

—"Int ma tiġix minn Ġorġi l-Għaxqi? qallu. Deherli li rajtek għandu. Tiġi minn Sfax hux?

—"Mill-Arġiel" qal Franswà.

—"Iva l-Arġiel u Sfax ħaġa waħda. Inħaffuh?

—Ara, Komilfò, smajtx !

—Komilfò żgur, daqs kemm hi sħana, ħalli fi ħsiebi.

Għattih b'liżar abjad sa taħt grieżmu, għaddielu il-moxt go' xagħru darbtejn, tliet darbiet u beda jqasqas u ilablab. Qabad fuq il-għasafar, il-għira li kellu għalihom, kemm nasab f'għomru, kemm rabba bliebel u vrieden, u kemm guvi rawwem, u n-nuvelli li ħa, u kemm-il-darba sfrattawlu. Il-paċenzja li ħa bil-merill li ġibulu minn Għawdex, kemm għerriżlu ċiċri tall-vant, u qattagħlu bċejjeċ tal-qalb sa ma rabbieħ, u l-għana li kien igħanni, u jredden u jgħid u jqasqas u jmaxxat.

Franswà kemm-il-darba xtaq iwaqqfu. Qallu u raġa' qallu: aqta' qasir għax ser traqqadni—kollu għal xejn għax ilsienu u li mqass sejjrin dejjem.

Fl-aħħar Franswà bexxaq għajnejh; dak it-tgergir, dak iċ-ċlikki ċlikki tal-imqass, iż-żanżin tad-dubbien li żelaq minn bejn iż-żibeġ tal-purtiera, raqqduh.

Xi ngħas ħelu dak ta' wara l-ikel, fl-aqqal tas-sajf ! Franswà, nistħajjel, ħolom bil-qtajja ta' Għarab milfufa fil-pirkan abjad, miġbura kobba taħt il-*Ġemgħa il-Ġadid* tal-Arġiel bil-ħdura ta' *Wied Knis*, bit-trams iċekċku u jċemplu bejn *Bab-il-wied* u *Bab Ażun.*

L-imgħallem igħid u jaqta', joħlom dejjem bil-għasafar li rabba u idu sejra weħidha tqasqas bħal ma għamlet għal għaxar snin sħaħ, tqarweż l-imsejkna nies ta' Kordin.

Kull mita ħabat jehdi, kien igħid f'qalbu: "Daqs kemm " hi sħana, aħjar inħaffifulu, mur ara Sfax x'għomma għandu. " Hu stess qalli aqta' qasir komilfo. Mita jqum igħidli " għall-erwieħ. Dik il-luppata kif kien iżommha? Fl-aħħar

" laħaq il-qoxra mad-dawra kollha, ħassu jistrieħ, u ħares " lejn il-ġmiel ta' qargħa li qarweż."

—Qum, musiù, qallu, u taptaplu fuq ħaddejh. Hadt għamża ġmielek. Tħossokx ħadt ir-ruħ?

—Franswà tmattar u ttewweb imbagħad għajnejh marru fuq il-mera. Ghadda idejh miftuħa fuq rasu, mielsa bħal brunġiela, għajnejh tberrqu, ħalqu tbexxaq imma kliem ma setâx joħroġ. Inqala' mill-putruna u idu marret fi ħżiemu biex jaqla' xxafra li kien iġib l-Arġiel. L-imgħallem ma stenniex x'jiġi wara u sgiċċa bħal buqrajq il-barra, u għab f'radda ta' salib.

Franswà ħabat jitlaq għal warajh imma ftakar li kien Ħal Qormi u trażżan. Ġibed il-liżar minn għonqu u bih kines kull ma kien hemm fuq il-mejda quddiemu, b'siequ tajjar il-qafas bil-kanali li sab fl-art, għaddas sa widnejh il-kappell tar-ross u, imgħarar f'demmu, telaq għand zijuh.

Ġorġi ħaseb li Franswà ħass moħħu għax rah, bla kliem xejn jiġbor ħwejġu ġos-senduq, imbagħad jinqafel f-kamartu. Malli dalam bagħat iġib karrozzin u telaq lejn Ħal Għaxaq għand zitu li kienet għadha ma ratux.

Hemm baqa' ma' dwar xahar, sa kemm xuxtu kibret biż-żejjed biex jista' jidher kuddiem in-nies; imbagħad mita deherlu, baxx baxx, rikeb fuq vapur u raġa' għal Arġiel. Ħal Qormi tilfu għal kollox u għal dejjem, għax ma żiedx ġiè Malta. M'hux għax nesa l-gżira taf! Dam żmien jiftakar fl-imgħallem ta' Ħal Qormi, u kull darba kien jarfa' dir-għajh u għajnejh lejn is-sema u jitlob li qabel imut jiltaqa' ras-imbras miegħu lejn Bab Ażun. Jiġi taħt idejh dak il-misħut ta' parrukier ta' Kordin, mqar għal nofs siegħa, dik kienet ix-xewqa kbirata' Franswà. Naħseb li bix-xewqa baqa'.

T. Z.